MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2006

Avviz Numru. 353/2000/1

**Carmelo sive' Lino Micallef**

**Vs**

**Carmelo Felice**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur is-somma ta' elf lira (Lm1000) bhala danni li l-konvenut ikkagunalu in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara San Giljan fit-12 ta' Dicembru 1999 meta waqt li kien qed isuq il-vettura Nru LVY 054 habat mal-vettura Nru FAW 132, propjeta' tal-attur li kienet ipparkjata, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittri interpellatorji tat-12 ta' Jannar 2000 u 28 ta' Frar 2000, dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Frar 2000, u dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data tal-avviz, ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri skond il-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mill-4 ta' Frar 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 6 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li l-konvenut ma kienx involut bl-ebda mod fl-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-konvenut</u> meta xehed, a fol 17 et seq ibid, spjega illi meta kien wasal vicin id-dwal tat-traffiku imsemmijin minnu , hu fi kliemu stess "…. Skiddjajt" u "Ghaddejt (oltre li qabes is-centre strip") minn bejn arblu tad-dawl u sigra. Sa fejn naf jiena bqajt diehel gol-hajt tan-naha l-ohra tat-triq". Meta gara dan l-incident, hu semma' illi kienet qed taghmel ix-xita, kien qed jsuq b'velocita ta' 25 mil fis-siegha u l-'minibus' misjuq minnu kienet vojta. Dwar il-karozza l-ohra, appartenenti lilj-attur, hu ma kienx raha, fil-lejl in kwistjoni. Wara l–istess incident u wara li habat mal-imsemmi hajt, hu kien hareg mill-vettura tieghu permezz tal-"… bieba l-ohra" tas-sewwieq u sab zewg Pulizija li informawh illi kien laqat il-karrozza tal-attur li kienet tinsab fil-vicinanzi tieghu. Inoltre meta kien mar fl-ghassa gie informat illi dan l-incident seta' jigi deskritt bhala 'bumper to bumper' avolja hu kien ferut u fl-istess

ghassa, presenti l-attur, kien gie 'imgieghel' jiffirma dan id-dokument (ara fol 56 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi PC 844 Oliver Galea (fol 33 u fol 45 et seq ibid) kien qed jippattulja l-lokalita in kwistjoni flimkien ma' PC 393 Maurice Laferla u hemmhekk kien ra vettura 'skuntrat (ossija angolata) mal-hajt' presenti s-sewwieq ta' din li kien jidher 'xi naqra panikuz". L-istess vettura kienet b' '…wiccu ihares lejn il-hajt u kien jidher li kien gie 'wrong side'. Hawnhekk ix-xhud specifika , illi meta kien di gja, fil-post tal-incident, hu ra lill-konvenut "…. Jirriversja il-'van' sabiex … jigi ihares fid-direzzjoni t-tajba tat-traffiku u jidher li, fil-presenza tieghu, l-istess 'van' … laqat vettura ohra' deskritta minnu bhala zghira (ara ukoll ix-xhieda tal-imsemmi PC 393 Maurice Laferla a fol 47 et seq ibid kif ukoll 'infra').

Illi ta' min jinnota illi Dorian Vassallo (fol 34 et seq ibid) in rapprezentanza tas-socjeta assikuratrici tal-konvenut stess, xehed illi l-istess konvenut kien iddikjara "…. Li pprova jiskapola karozza li kienet quddiemu, zamm il-'brake' u l-karozza tieghu skiddjat u spiccat in-naha l-ohra tat-triq "wrong side".

Ikkunsidrat

Illi l-attur (fol 53 et seq ibid) spjega li ma kienx presenti meta gara dan l-incident izda semma' li, meta kien mar vicin fejn kien halla l-vettura tieghu parkeggata, hu kien sabha 'imfarrka' ossija 'inkaxxata gewwa l-hajt". Dwar dan il-punt, l-istess 'surveyor' tas-socjeta assikuratrici tal-konvenut jew tal-proprjetarju precedenti tal-minibus' wzat mill-konvenut, kien iddikjara li l-karozza tal-attur kienet sfat 'beyond economical repair" (ara x-xhieda ta' Natalino Agius a fol 15 et seq ibid flimkien mas-'survey report" relattiv a fol 20 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi mid-deskrizzjoni tal-incident in esami kif risultanti mix-xhieda kif, hemm fuq, sintetizzata, jidher evidenti u car, minghajr il-htiega ta' "l-kumment ulterjuri jew approfondiment u dan minhabba li 'res ipsa loquitur" illi dan l-incident kien risultat ta' sewqan altament imprudenti da parti tal-konvenut u dan mill-bidu sal-ahhar tieghu . Hu minnu li PC 393 Maurice Laferla xehed (ara fol 51 ibid) illi hu w il-pulizija l-iehor 'geghlna lil Felice jitla' fil-vettura tieghu (wara li din kienet di gja mahbuta mal-hajt tat-triq) sabiex jirrangaha minhabba li kienet ostakolu ghat-traffiku" li kien "… ghaddej bhala vlegga". Difatti, waqt li l-konvenut kien qed jirriversja, kif hawn fuq spjegat, dan ix-xhud u l-pulizija l-iehor kienu "… mohhna fit-trafifku ghaddej" u ghalhekk, hu kien sema' biss il-hoss tal-habta. Ghalhekk, fit-fehma ta' din il-Qorti, l-ebda kontributorjeta m'ghandha tigi akkollata liz-zewg Pulizija fuq il-post.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-'quantum' specifikat fl-avviz trid issir referenza ghax-xhieda ta' Natalino Agius, li ghaliha di gja saret referenza, liema surveyor kif di gja inghad kien gie inkarigat mis-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, li, pero' qed tirrifjuta li taccetta r-responsabilta' ghal dawn l-incident minhabba dak spjegat a fol 35 u fol 36 tal-atti.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut.
2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm1000;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm1000 bl-imghax legali mill-4 ta' Frar 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri interpelatorji tat-12 ta' Jannar 2000 u tat-28 ta' Frar 2000 u ta' dawk ufficjal tal-4 ta' Frar 2000 u tas-27 ta' Marzu 2000 imsemmija fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------